# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1067/13/1 ISB**

**Tarros S.p.A ġia magħrufa Tarros International S.p.A., rappreżentata mill-mandatarju speċjali Av.Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Valletta Freight Services Limited (C 3478)**

1. B'din is-sentenza ser jiġi deċiż l-appell tal-kumpanija intimata ('appellanti') mid-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tad-29 ta' Settembru, 2016, li biha ordnat ix-xoljiment ta' Valletta Freight Services Limited b'effett mit-8 ta' Novembru, 2013, a tenur tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Dawn il-proċeduri bdew b'rikors preżentat fit-8 ta' Novembru, 2013, permezz ta' liema il-kumpanija rikorrenti rappreżentata mill-mandatarju l-avukat Dr. Louis Cassar Pullicino ('appellata'), ippremettiet u talbet is-segwenti:

> *"Illi b`sentenza moghtija minn dina l-Qorti fl-4 ta` Gunju 2010, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Gunju 2010 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Renato Cefai nomine vs Valletta Freight Services Limited" (Citaz. Nru. 1321/1996), is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditur tas-socjeta` intimata fis-somma ta` mija u tmenin elf Euro (€180,674.57) oltre l-imghax legali li beda jiddekorri mid-29 ta` Jannar 1996 u l-ispejjez gudizzjarji;*
>
> *Illi in ezekuzzjoni parzjali ta` dina s-sentenza, is-socjeta` rikorrenti ottjeniet il-hrug ta` mandat ta` sekwestru ezekuttiv numru 658/2013 fit-3 ta` Mejju 2013, ghas-somma bilancjali u ammontanti ghal €165,315.52, skont il-prospett anness mal-imsemmi mandat ta` sekwestru;*
>
> *Illi kif jidher mill-imsemmi prospett, is-socjeta` rikorrenti kienet qed titlob l-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat ezekuttiv ghas-somma ndikata ta` €165,315.52 wara li kienet naqqset is-somma ta` mitejn u sebat elef Euro (€207,000.00) mill-kreditu dovut lilha minghand is-socjeta` intimata billi kienet akkwistat "animo compensandi" fond immobbli appartenenti lis-socjeta` intimata fil-kors ta` bejgh bis-subbasta li nzamm fl-20 ta` Gunju 2012 u sussegwentement il-Qorti kienet approvat il-kumpensazzjoni ta` din l-offerta b`digriet tad-19 ta` Settembru 2012;*
>
> *Illi sussegwentement, pero`, gie a konjizzjoni tas-socjeta` rikorrenti li dan il-fond kien gie rikuprat mis-socjeta` intimata a tenur tal-artiklu 355 tal-Kap. 12 permezz ta` cedola ta` depositu numru 388/2013, (liema cedola qatt ma giet notifikata lis-socjeta` rikorrenti) liema ammont ghadu ma giex zbankat mis-socjeta` rikorrenti minhabba opposizzjoni tal-istess socjeta` intimata u dan minkejja li skont kif jirrizulta mill-istess cedola s-somma depositata ta` €219,604.06 setghet tigi liberament zbankata mis-socjeta` rikorrenti;*
>
> *Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti f`dan l-istadju qieghda tippretendi wkoll il-hlas tas-somma addizzjonali ta` €207,000.00 u l-ispejjez relattivi ta` €12,604.06, b`kollox €219,604.06, oltre l-ammont reklamat fil-fuq imsemmi mandat ta` sekwestru ta` €165,315.52 b`dan ghalhekk illi s-socjeta` rikorrenti ghadha kreditur fis-somma globali ta` €384,919.58, oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;*

*Illi minkejja l-ezekuzzjoni tal-fuq imsemmi mandat ta` sekwestru, is-socjeta` intimata ghadha ma hallsitx dak minnha dovut u peress illi issa ghaddew aktar minn erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv kontra s-socjeta` intimata, is-socjeta` intimata ghandha titqies ma tistax thallas id-djun taghha u li konsegwentement hemm lok li dina l-Onorabbli Qorti tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tas-socjeta` intimata;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata Valletta Freight Services Limited naqset li thallas il-kreditu kollu dovut lis-socjeta` rikorrenti minkejja l-ezekuzzjoni ta` mandat ta` sekwestru ezekuttiv numru 658/13 u l-iskadenza ta` erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni tal-istess bil-konsegwenza illi s-socjeta` intimata ghandha titqies li ma tistax thallas id-djun taghha u dan a tenur tal-artiklu 214 (2)(a)(ii) u l-artiklu 214(5)(a) tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).*

*2. Tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess socjeta` intimata a tenur tal-artiku 214(2)(a)(ii) tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji (Kap.386).*

*3. Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skont id-disposizzjonijiet tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji (Kap.386).*

*Bl-ispejjez."*

3. Permezz ta' risposta ppreżentata fl-24 ta' Diċembru, 2013, l-appellata wieġbet:

*"Illi qabel xejn jigi preliminarjament eccepit illi s-socjeta` attrici ma ezebietx kopja originali tal-mandatarju specjali, kif hekk imsemmi fil-kawza hawn fuq premessa, sabiex l-avukat difensur taghha msemmi jkun jista` skont il-ligi jagixxi fil-proceduri gudizzjarji fil-Qrati ta` Malta ghan-nom tal-istess socjeta` attrici.*

*Illi fir-rigward tal-art. 214 (2) (a) tal-Att dwar il-Kumpanniji lanqas ma jista` jinghad li s-socjeta` esponenti ma tistax thallas id-djun taghha. Dan jirrizulta bl-aktar mod car mill-istess kotba tal-kumpannija. Is-socjeta` esponenti tinsab topera regolarment u tinsab f`posizzjoni li thallas lill-kredituri kollha taghha hekk kif il-krediti rispettivi jkunu dovuti.*

*Illi fir-rigward tal-art. 214 (5) (a) tal-Att dwar il-Kumpanniji lanqas ma jista` jinghad li s-socjeta` esponenti ilha ma thallas dejn taghha naxxenti*

*minn titolu ezekuttiv u enforzat permezz tal-mandat ezekuttiv relattiv ghal aktar minn erba` u ghoxrin gimgha kif mitlub mill-istess artikolu u dan in vista tas-segwenti fatti:-*

*(i) Illi huwa minnu li permezz tas-sentenza datata 4 ta` Gunju, 2010 fl-ismijiet `Dr. Renato Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited` Nru 1321/1996 is-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` €180,674.57.*

*(ii) Illi huwa minnu wkoll li tali sentenza giet sussegwentement ikkonfermata permezz tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess ismijiet datata 3 ta` Dicembru 2010.*

*(iii) Illi madanakollu tezisti kontestazzjoni serja da parti tas-socjeta` esponenti fir-rigward tal-bilanc li ghadu dovut mill-esponenti lis-socjeta` rikorrenti f`dan ir-rigward u dan peress illi s-somma ta` €165,315.52 hija wahda eccessiva u fil-fatt ghandha tigi ridotta bis-somma ta` €72,270.08 fir-rigward ta` imghaxijiet fuq is-`sorte` kif hekk gie kkonfermat waqt seduta datata 19 ta` Settembru 2012 quddiem l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Imhallef Mark Chetcuti, fejn l-istess socjeta` attrici kkoregiet ruhha u pprezentat ghal dan il-ghan fl-istess atti, prospett gdid b`riduzzjoni ta` EUR 72,000, wara ammissjoni li saret mill-istess socjeta` attrici dakinhar stess tas-seduta fejn ikkonfermat li kienet ghamlet zball matematiku. Liema prospett u digriet, l-istess socjeta` attrici ghazlet li ma jkunx jaqbel ghaliha li tipprezenta ghal kull buon fini lil dina l-Onorabbli Qorti biex taghti stampa cara u gusta tal-fatti kollha tal-kaz odjern.*

*(iv) Illi oltre dan, lanqas hu minnu illi jinghad mis-socjeta` attrici, illi s-socjeta` esponenti ghadha ma hallsitx dak minnha dovut. Illi s-socjeta` attrici naqset milli tinforma lil dina l-Onorabbli Qorti dwar hlas li diga` kien sar mis-socjeta` esponenti lis-socjeta` attrici fis-somma ta` EUR 65,595.15 nhar il-hdax (11) ta` Frar 2011 bhala pagament akkont tas-somma kollha hekk pretiza u li ghal tali hlas is-socjeta` esponenti lanqas biss giet moghtija ircevuta.*

*(v) Illi fi kwalunkwe kaz huwa minnu li s-socjeta` rikorrenti mhux talli harget il-mandat ta` sekwestru ezekuttiv imma talli sahansitra procediet kontra l-esponenti permezz ta` procedura ta` subbasta numru 2/2011 fir-rigward ta` proprjeta` appartenenti lill-istess socjeta` esponenti. Jirrizulta wkoll minn tali subbasta li l-proprjeta` imsemmija kienet giet akkwistata mis-socjeta` rikorrenti `animo compensandi` u ghas-saldu tad-drittijiet u pretensjonijiet kollha taghha.*

*(vi) Illi huwa minnu wkoll li a tenur tal-art. 355 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta) is-socjeta` esponenti rkuprat tali proprjeta` billi ghamlet id-depozitu mehtieg mil-ligi ghal tali skop. Huwa kwindi evidenti li sa dan l-istadju d-drittijiet u l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta` rikorrenti jinsabu debitament kawtelati permezz tal-istess depozitu.*

*(vii) Illi b`zieda mas-surreferit, dak li s-socjeta` rikorrenti naqset milli tindika ghal darb`ohra fir-rikors taghha ghal stralc huwa li s-socjeta` esponenti prezentement qieghda tattakka il-procedura kollha tas-subbasta bhala wahda irrita u nulla permezz tal-kawza fl-ismijiet `Valletta Freight Services Limited v. Tarros S.p.A` (629/2012) pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta ghar-ragunijiet kollha hemmhekk kontenuti.*

*(viii) Illi ulterjorment is-socjeta` esponenti talbet u ottjeniet il-hrug ta` mandat ta` sekwestru fuq l-istess somma depozitata in kawtela tad-drittijiet tal-istess esponenti ghal dikjarazzjoni li tawtorizza l-izbank ta` tali somma una volta jigi dikjarat li s-subbasta hija wahda nulla.*

*(ix) Illi, minghajr ma wiehed joqghod jidhol fuq il-mertu ta` tali kaz, jirrizulta car mis-surreferit li, dato ma non concesso li s-socjeta` rikorrenti ghandha ragun u tkun intitolata tizbanka s-somma surreferita, certament ma jistax jinghad bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni li s-socjeta` esponenti ma tkunx f`posizzjoni li thallas id-dejn taghha. Dan jinghad ghaliex is-somma allegatament dovuta mill-esponenti lis-socjeta` rikorrenti tinsab diga` debitament depozitata fir-Registru ta` dina l-Onorabbli Qorti u ma tistax tigi zbankata ghax milquta minn digriet wara l-hrug ta` mandat ta` sekwestru surreferit.*

*(x) Illi allura minn dan kollu jsegwi li mhuwiex minnu li s-socjeta` esponenti ma tistax thallas id-djun taghha skont kif definit mill-art. 214(5)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji u dan ghaliex tali pagament ghadu ma sarx mhux ghaliex l-esponenti ma tistax thallas imma ghaliex tali somma tinsab isservi bhala kawtela f`proceduri gudizzjarji pendenti kontra l-istess socjeta` rikorrenti prevja l-hrug tal-mandat ta` sekwestru opportun.*

*(xi) Illi allura huwa car li s-socjeta` rikorrenti qed tipprova tabbuza minn din il-procedura billi tipprova taghti l-impressjoni li s-socjeta` esponenti hija falluta u ma tistax thallas id-djun taghha meta taf ben tajjeb illi d-dejn imsemmi jinsab kawtelat permezz tad-depozitu opportun u jkun jista` jigi liberat wara li tigi finalment deciza l-kawza koncernanti l-validita` o meno tal-procedura ta` subbasta.*

*(xii) Illi ulterjorment jirrizulta wkoll li permezz tal-kawza fl-ismijiet "Tarros S.p.A. v. Valletta Freight Services Limited" (Rik. Nru. 390/2013) pendenti wkoll quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta s-socjeta` rikorrenti sahansitra tinsab titlob l-izgumbrament tas-socjeta` esponenti mill-fond mibjugh in subbasta u rkuprat mill-istess esponenti stante li, skont hi, l-esponenti m`ghandha l-ebda titolu validu fuq din il-proprjeta`. Dan jikxef ghal darb` ohra l-fatt illi s-socjeta rikorrenti qieghda tipprova tabbuza mill-procedura gudizzjarji billi filwaqt li taghmel tali talba ghal zgumbrament u titlob*

*ukoll il-falliment tas-socjeta` esponenti permezz tal-procedura bi ksur ukoll tal-massima "selecta una via non datur ricursus ad alteram".*

*Illi `ex admissis` mis-socjeta` rikorrenti, fir-rigward tas-somom ulterjuri li fir-rigward taghhom ma nhargux mandati ezekuttivi certament li la l-art. 214(5)(a) u lanqas l-art. 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji ma jistghu jkunu applikabbli.*

*Illi ma jezistux ragunijiet li jistghu jiggustifikaw mizuri kontra s-socjeta` esponenti kif mitluba permezz tar-rikors odjern.*

*Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti filwaqt li tilqa` r-risposta tal-esponenti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti."*

4. B'deċiżjoni tad-29 ta' Settembru, 2016, il-Qorti Ċivili ddeċidiet hekk:

*"1) Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata Valletta Freight Services Limited (C3478).*

*2) Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara li fir-rigward tal-intimata Valletta Freight Services Limited (C3478) jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi r-rekwiziti tal-Art 214(2)(a)(ii) u tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3) Riferibbilment ghat-tieni talba, tordna x-xoljiment tal-intimata Valletta Freight Services Limited (C3478) b`effett mit-8 ta` Novembru 2013 skont l-Art 223(1) tal-Kap 386. Tordna wkoll l-istralc taghha.*

*4) Riferibbilment ghat-tielet talba, tahtar lill-Avukat Dottor Kris Borg bhala stralcjarju bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Bla hsara ghall-generalita` tas-setghat u tad-dmirijiet –*

*a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-intimata, kif irid l-Art 226 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art 227 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*b) jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-intimata ; u jekk ikun il-kaz, jaghmel il-gradwazzjoni tad-djun.*

*c) jekk ikun il-kaz, jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi tal-intimata, kif ighid u jrid l-Art 237 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-intimata.*

*e) jipprezenta r-rapport lill-Qorti mhux aktar tard mit-30 ta` Novembru 2016.*

*5) Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment, u l-ispejjez kollha tal-istralc inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju, jithallsu mill-intimata, u dan bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386.*

*Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 12 ta` Dicembru 2016 fid-9.00 a.m."*

5. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti rilevanti għall-mertu tal-appell huma dawn:

*" **IV. <u>L-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386</u>***

*Tarros qeghda titlob ix-xoljiment u l-istralc ta` Valletta Freight abbazi tal-**<u>Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386</u>**, li jghid illi kumpannija tista` xxolji u tkun stralcjata mill-qorti … jekk il-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha.*

*...*

*Fil-ligi taghna, li kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghandu **<u>sinjifikat preciz u definit</u>** mil-ligi stess. Infatti fl-Art 214(5) il-ligi tistabilixxi liema huma c-cirkostanzi fejn kumpannija titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art 214(2)(a)(ii). Ghalhekk l-Art 214(2)(a)(ii) ma jistax jinqara minghajr ma ssir riferenza ghall-Art 214(5).*

***V. <u>L-Art 214(5) tal-Kap 386</u>***

***<u>Tnejn</u>** huma c-cirkostanzi definiti mil-ligi meta kumpannija ghandha titqies li ma tista` thallas id-djun taghha –*

***(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa` ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili; jew***

*(b) jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*

***Ir-rikorrenti mexxiet l-azzjoni abbazi tal-paragrafu (a) biss.***

*... riferibbilment ghall-Art 214(5)(a), hija gurisprudenza ta` din il-Qorti illi fejn si tratta ta` atti ezekuttivi ndikati fl-Art 273 tal-Kap 12, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-perijodu ta` erbgha ghoxrin (24) gimgha ghall-fini tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386 huwa l-<u>ezekuzzjoni</u> tal-Mandat. U fil-kaz ta` Mandat ta` Sekwestru, l-ezekuzzjoni tal-Mandat issehh bin-notifika tal-att lis-sekwestratarji.*

***VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>***

*Jirrizulta li t-titolu ezekuttiv illi Tarros kisbet favur taghha kontra Valletta Freight hija s-sentenza li tat din il-Qorti tal-4 ta` Gunju 2010 fil-kawza fl-ismijiet Dr Renato Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited (Citaz Nru 1321/1996) li kienet ikkonfermata b`sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Dicembru 2010 [fol 7 et seq].*

*Jirrizulta illi wara rikors prezentat fit-2 ta` Mejju 2013, din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta` Mejju 2013 ordnat il-hrug ta` l-Mandat kontra Valletta Freight (fol 4).*

*Jirrizulta illi sas-6 ta` Mejju 2016 is-sekwestratarji kienu notifikat kollha, waqt li Valletta Freight kienet notifikata wkoll fis-7 ta` Mejju 2013 (tergo ta` fol 5).*

*Jirrizulta li r-rikors promotur kien ipprezentat fit-8 ta` Novembru 2013. Dan ifisser illi kienu ghaddew l-erbgha u ghoxrin (24) gimgha mid-data tal-ezekuzzjoni ta` l-Mandat.*

*Jirrizulta illi ghalkemm Valletta Freight talbet ir-revoka tal-Mandat it-talba taghha kienet michuda fl-ewwel istanza fis-6 ta` Frar 2014 (fol 70 et seq) u fit-tieni istanza fit-30 ta` Mejju 2014 (fol 79 et seq).*

*Jirrizulta illi mis-sorte ndikat fil-Mandat u cioe` €165,315.52 ma sar l-ebda hlas. Tajjeb jinghad illi skont prospett ezebit a fol 89 kien dovut minn Valletta Freight favur Tarros sa Mejju 2014 l-ammont ta` €185,144.02.*

***Tenut kont tad-data tal-ezekuzzjoni tal-Mandat, u d-data tal-prezentata tar-rikors tal-lum, din il-Qorti tghid illi l-vot tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386 huwa sodisfatt.***

*...*

***VII. <u>Id-diskrezzjoni tal-Qorti</u>***

*Ladarba jirrizulta sodisfatt il-vot tal-Art 214(5)(a) allura Valletta Freight ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art 214(2)(b)(ii) tal-Kap 386. Skont id-disposizzjoni tal-ahhar, il-fatt li kumpannija ma tistax thallas id-djun taghha mhux ta` bilfors iwassal ghax-xoljiment u l-istralc taghha ghaliex bl-uzu tal-kelma tista` minflok il-kelma ghandha il-*

*legislatur halla lill-Qorti d-diskrezzjoni li tizen il-fatti kollha, taghmel l-apprezzament taghha, u tiddeciedi ghandhiex ixxolji u tistralcja l-kumpannija.*

*...*

*Abbazi tal-provi akkwiziti fil-kawza tal-lum jirrizultaw dawn il-fatti fost ohrajn :-*

*1) Fit-3 ta` Dicembru 2010, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta` Gunju 2010 fil-kawza "Dr Renato Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited" (Citaz Nru 1321/1996). Bis-sahha tas-sentenza, Tarros gie kanonizzata kreditrici ta` Valletta Freight.*

*2) Fil-pendenza ta` din il-kawza, Tarros kisbet il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra Valletta Freight in kawtela tal-kreditu taghha. Valletta Freight ipproduciet garanzija bankarja, u wara li kienet kanonizzata kreditrici, Tarros zbankat il-garanzija fl-ammont ta` €65,595.15. B`din is-somma thallas parti mill-kreditu.*

*3) Billi l-bilanc baqa` ma thallasx, Tarros ezegwiet is-sentenza fuq proprjeta` fil-Marsa ta` Valletta Freight permezz ta` bejgh b`subbasta fl-20 ta` Gunju 2012 (nru 2/2011).*

*4) Il-proprjeta` tal-Marsa giet liberata favur Tarros animo compensandi ghall-prezz ta` €207,000. B`digriet tad-19 ta` Settembru 2012 din il-Qorti diversament presjeduta akkordat it-talba ta` Tarros ghat-tpacija tal-prezz.*

*5) Fit-22 ta` Marzu 2013 Tarros kisbet il-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru 446/2013 kontra Valletta Freight ghall-bilanc dovut sa dak iz-zmien fl-ammont ta` €165,315.52. Il-mandat kien segwit b`kontromandat fid-29 ta` April 2013 wara li Valletta Freight ipprezentat cedola ta` depozitu 388/2013 fil-15 ta` Marzu 2013 (fol 60).*

*6) Kien prezentat il-Mandat. Valletta Freight talbet ir-revoka tal-istess izda t-talba kienet michuda fl-ewwel u fit-tieni istanza (fol 70 sa 73 ; u fol 79 sa 88);.*

*7) Sar zbank tac-cedola tad-depozitu nru 388/2013, wara diversi mandati ta` sekwestru sabiex Valletta Freight tkun prekluza milli tizbanka dik ic-cedola.*

*8) Tarros ghamlet kawza ta` zgumbrament ta` Valletta Freight mill-proprjeta` tal-Marsa. Il-kawza kellha tigi ceduta wara li rrizulta li Valletta Freight kienet rkuprat il-proprjeta`.*

*Tajjeb jinghad illi fl-Ingilterra hemm riluttanza da parti tal-Qrati li jaghmlu ordni ta` xoljiment u stralc fil-kazi ta` cash flow insolvency meta jsibu*

*ruhhom rinfaccjati ta` a debt which is bona fide disputed. [ara : "**Stonegate Securities Ltd v. Gregory**" (1980) Ch 576 – Court of Appeal]. Fl-istess waqt daqstant tajjeb ghandu jigi rilevat illi jrid ikun hemm a bona fide dispute.*

*Fil-kaz tal-lum abbazi tal-provi akkwiziti fil-kumpless taghhom la hemm dispute u wisq anqas hemm a bona fide dispute.*

*Jekk seta` kien hemm dispute dwar l-ammont dan intemm fl-ewwel bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta` Dicembru 2010, u fit-tieni lok bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta` Mejju 2014 fejn kien ikkonfermat il-Mandat.*

*Fic-cirkostanzi l-obbligu ta` Valletta Freight kien li thallas kull ma kien dovut lil Tarros skont is-sentenza tat-3 ta` Dicembru 2010.*

*Tajjeb jinghad illi Valletta Freight kellha c-cans kollu biex thallas izda minflok ghamlet hekk ghamlet kull ma setghet sabiex ma thallasx bi kwantita` ta` proceduri legali kemm quddiem il-qrati ordinarji kif ukoll quddiem il-qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali, li sal-lum kollha rrizultaw f`insuccess.*

*Ir-relazzjoni ma` Tarros twieldet fil-kuntest kummercjali. L-essenza tal-kummerc hija l-bona fide. Minghajr il-bona fide il-kummerc ikun insostenibbli. ...*

*Valletta Freight ma tistax tinghata affidabilita` meta naqset li timxi b`bona fide ma` Tarros billi ma hallsithiex kull ma kien dovut minnha, minghajr ma tirrikorri ghal kull sotterfugju legali possibbli. In-negozju ma jistax jimxi b`dak il-mod.*

*Valletta Freight iggib l-argument li hija kumpannija li ghandha n-negozju, qeghda tkabbar dak in-negozju u qeghda thaddem in-nies. Ghalhekk ma timmeritax li tigi xjolta u stralcjata.*

*...*

*Tajjeb illi l-qaghda finanzjarja ta` socjeta` hija biss wiehed mill-fatturi li l-Qorti ghandha tqis qabel taghmel l-ordni ta` xoljiment u stralc. Qed jinghad dan propju ghaliex Valletta Freight diga` tirrizulta li ma tistax thallas id-djun taghha skont l-Art 214(5)(a). Il-konsiderazzjoni tal-qaghda finanzjarja kien ikollha aktar rilevanza li kieku l-bazi tal-azzjoni tar-rikorrenti kienet l-Art 214(5)(b) [supra] li mhuwiex il-kaz.*

*L-ironija hija li b`qaghda finanzjarja deskritta minn David Jones u Victor Vella bhala tajba, Tarros baqghet ma thallsitx dak dovut lilha bil-kreditu jibqa` jizdied minhabba l-imghax. Huwa ghal kollox inutili ghal David Jones li jidhol f`kontroversja kif ghamel waqt li kien qed jixhed dwar x`inkiteb fl-accounts ta` Tarros meta kull pretensjoni tieghu fil-kuntest li xehed intemm b`decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell.*

> ***Li certament jibqa` materja ta` fatt sostanzjali huwa illi meta Valletta Freight irnexxielha tirkupra l-proprjeta` tal-Marsa (li kienet mertu tas-subbasta) ma hallietx dik il-proprjeta` fl-isem taghha izda ghaddiet il-proprjeta` fl-isem ta` kumpannija ohra bl-isem ta` Deljay Holdings Limited li forsi b`kumbinazzjoni ghandha fost id-diretturi u azzjonisti taghha l-istess David Jones. Daqstant in kwantu jirrigwarda bona fide.***
>
> *Ghalkemm Valletta Freight ghamlet li setghet sabiex tohloq kontestazzjoni anke dwar ammonti, il-Qorti ssostni li l-kontestazzjoni kienet pretest unikament sabiex ma thallasx dak dovut lil Tarros. Ghal din il-Qorti, il-konteggi ta` Tarros dwar dak li ghadu minn Valletta Freight jaghtu ferm aktar affidament.*
>
> *Kondotta tajba fin-negozju hija vitali. Fil-fehma tal-Qorti, Tarros m`ghamlet l-ebda tentattiv ta` arm twisting fil-konfront ta` Valletta Freight sabiex tithallas dak li ghandha tiehu. Tarros ma marritx mill-ewwel ghall-procedura tax-xoljiment u tal-istralc. Bejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (3 ta` Dicembru 2010) u l-presentata tal-Mandat (2 ta` Mejju 2013) damet tistenna aktar minn sentejn u nofs minhabba l-proceduri ta` xkiel li hadet Valletta Freight. Kienet pronta mexxiet skont il-Kap 386 meta ghaddew aktar minn sitt xhur min-notifika tal-Mandat.*
>
> *Tenut kont fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti sejra tuza d-diskrezzjoni taghha u tordna x-xoljiment u l-istralc ta` Valletta Freight."*

6. Permezz ta' rikors ta' appell preżentat fid-19 ta' Ottubru, 2016, l-intimata talbet lil din il-Qorti:

> *"tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, datata 29 ta' Settembru 2016, (Rik Ġuramentat Numru 1067/13 JZM) fl-ismijiet Tarros S.p.A ġia magħrufa Tarros International S.p.A rappreżentata mill-mandatarju speċjali Av. Louis Cassar Pullicino (ID Nru 441061M) versus Valletta Freight Services Limited (C-3478) inkluż li tirrevoka contrario imperio l-ħatra ta' stralċarju bl-ordnijiet mogħtija lill-istess stralċarju u dan bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata Tarros S.p.A."*

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

7. L-ewwel żewġ ilmenti tal-kumpanija appellanti huma li:

7.1. Ser issofri ħsara rreparabbli jekk tiġi xolta u tgħaddi mill-proċedura ta' stralċ. Dan billi ssostni li hija għadha likwida, b'numru ta' impjegati, u bl-iskop ta' *lucrum* kif ilha topera għal snin sħaħ kif ukoll bi prospetti tajbin ta' aktar qligħ għall-futur (aggravju 'a');

7.2. Illi hija ser issofri ħsara rreparabbli jekk tiġi xolta b'effett retroattiv mit-8 ta' Novembru, 2013 (aggravju 'b');

8. Dak rilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri hu jekk hemmx iċ-ċirkostanzi kontemplati mil-liġi sabiex issir ordni ta' xoljiment.

9. Imbagħad ir-retroattivita` tal-ordni toħroġ mill-Artikolu 223(1) tal-Kap. 386:

> *"Meta jkun sar ordni ta' stralċ, il-kumpanija titqies li tkun xolta fil-ħin tal-preżentata tar-rikors għal stralċ ..."*

10. Kull ilment f'dak ir-rigward huwa għalhekk infondat. Huwa wkoll irrilevanti l-ilment mressaq mill-appellanti dwar il-likwidita` tagħha. It-talba tal-appellata mhijiex ibbażata fuq l-Artikolu 214(5)(b) tal-Kap. 386 (dan jirreferi għal sitwazzjoni fejn kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha meqjus il-passiv kontinġenti u prospettiv tagħha) iżda fuq id-dispożizzjonijiet segwenti tal-Kap. 386:

Artikolu 214(2)(a)(ii)

> *"(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin –*
>
> *...*
>
> *(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha; ..."*

Artikolu 214(5)(a)

> *"(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(a)(ii), kumpanija titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha –*
>
> *(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma tħallasx għal kollox jew f'parti wara erbgħa u għoxrin ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ..."*

11. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti sostanzjalment għaliex qieset illi:

i. id-dejn effettivament baqa' ma tħallasx wara erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-intimata b'wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-Artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili *ai termini* tal-Artikolu 214(5)(a) tal-Kap. 386;

ii. illi b'hekk, skont l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386, il-Qorti kellha d-diskrezzjoni li tordna x-xoljiment u stralċ tal-appellanti;

iii. l-ewwel Qorti qieset li f'dan il-każ ma kienx hemm *bona fide dispute* billi, la hemm *dispute* dwar l-ammont għaliex tali kontestazzjoni ntemmet b'deċiżjonijiet finali oħra, u li minkejja dan, l-appellanti għamlet kull ma setgħet biex ma tħallasx dak dovut minnha billi rrikorriet għal kull sotterfuġju legali possibbli, u ttrasferiet l-proprjeta` tal-Marsa f'isem kumpanija li għandha fost id-diretturi u azzjonisti tagħha lil David Jones, li huwa wkoll direttur tal-appellanti.

12. L-ilmenti tal-appellanti huma dwar il-mod kif l-ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni u ordnat ix-xoljiment.

13. Fir-rigward tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti, l-appellanti tilmenta illi:

13.1. Hija '*Ma tistax taċċetta l-insinwazzjoni magħmulha mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-konfront tagħha li <u>mhux in buona fede u li m'għandiex affidabilità</u> inter alia għaliex hija intavolat diversi ['kwantita'] proċeduri ġudizzjarji li 'sal lum kollha rriżultaw f' insuċċess"*'. Issostni iżda li:

(i) mhux minnu li l-proċeduri kollha li ppreżentat ma kellhomx eżitu favur tagħha;

(ii) huwa dritt fundamentali li tintavola kwalsiasi proċeduri ġudizzjarji li jidhrilha xierqa b'dan illi tali fatt ma jista' qatt jiġi interpretat bħala aġir in *mala fede*; u

(iii) l-irkupru minn soċjeta` li fiha hemm l-istess azzjonisti u diretturi ma kellux jiġi nterpretat li hemm aġir in *mala fede* (aggravju c)*;* u li

13.2. L-ewwel Qorti applikat ħażin id-diskrezzjoni tagħha għaliex kellha tasal għall-konklużjoni li l-appellata kienet *in mala fede*, mhux hi (paragrafi numri 4 u 5 tar-rikors tal-appell).

14. Fl-ewwel lok l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ta' fatti u waslet għall-konklużjoni tagħha. Ma jirriżultax li għamlet insinwazzjonijiet.

15. Fil-mertu, mill-atti u minn sentenzi oħra konnessi ma' dawn il-proċeduri, jirriżultaw dawn il-fatti:

15.1. Permezz ta' kawza fl-ismijiet **Dr. Renato Cefai nomine v. Valletta Freight Services Limited** (Ċitaz. Nru. 1321/1996), l-appellata talbet l-esekuzzjoni ta' *lodo* arbitrali li ngħata f'proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali. Flimkien mat-tweġiba tagħha l-appellanti għamlet kontro-talba fejn qalet illi l-*lodo* ma jiswiex billi l-proċeduri quddiem l-arbitri ma sarux sew;

15.2. Fil-mori ta' dik il-kawża, fit-22 ta' Frar, 2010, l-appellanti ppreżentat kawża numru 18/2010 fl-ismijiet **Valletta Freight Services Limited v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et** fejn allegat li fil-kawża fuq imsemmija ma ngħatatx smigħ xieraq;

15.3. B'sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ġunju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Renato Cefai nomine v. Valletta Freight Services Limited** (Ċitaz. Nru. 1321/1996), l-appellata ġiet kanoniżżata kreditur tal-appellanti fis-somma ta' mija u tmenin elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin ewro, u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€180,674.57) oltre l-imgħax legali li beda jiddekorri mid-29 ta' Jannar, 1996, u spejjez ġudizzjarji. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li jista' jiġi esegwit f'Malta l-*lodo* arbitrali mogħti mix-Chambre Arbitrale Maritime de Monaco fid-29 ta' Jannar, 1996. Sentenza konfermata minn din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru, 2010[1];

15.4. Fil-11 ta' Frar, 2011, l-appellata żbankat garanzija bankarja li kienet ġiet ippreżentata fil-mori tal-proċeduri fuq imsemmija fl-ammont ta' €65,595.15 u b'hekk tħallsu parti mill-imgħaxijiet li kienu ilhom jakkumulaw mid-29 ta' Jannar, 1996[2];

---

[1] Fol. 7 *et seq*.
[2] Fol. 29 – Dr. Louis Cassar Pullicino xehed illi kienet kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fuq proprjeta` tal-intimata f'Birżebbuġia in kawtela tal-kreditu tagħha iżda billi fil-mori tal-proċeduri 1321/1996 l-intimata kellha l-ħtieġa tbiegħ dik il-proprjeta`, pproduċiet garanzija bankarja.

15.5. Billi l-bilanċ baqa' ma tħallasx, l-appellata mexxiet għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li kellha permezz ta' bejgħ b'subbasta ta' immobbli fil-Marsa u li ġie appuntat għall-20 ta' Ġunju, 2012, (subbasta nru. 2/2011);

15.6. Lejliet is-subbasta, fid-19 ta' Ġunju, 2012, l-appellanti ppreżentat kawża bin-numru 629/2012 fejn talbet li jitħassru l-atti kollha tas-subbasta 2/2011. L-appellanti kienet qiegħda tippretendi li l-proċedura ta' bejgħ b'irkant kienet damet iktar minn sena wieqfa bi ksur tal-Art. 351 tal-Kap.12. Dakinhar stess ippreżentat ukoll rikors fejn talbet is-sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant sakemm il-Qorti tiddeċiedi l-kawża. It-talba ġiet miċħuda;

15.7. Waqt is-subbasta tal-20 ta' Ġunju, 2012, l-appellata għamlet offerta *animo compensandi* għall-proprjeta` tal-appellanti ġewwa l-Marsa fis-somma ta' €207,000 (60% tal-valur stmat mill-perit) u l-proprjeta` ġiet liberata favuriha. Sussegwentement, b'digriet tad-19 ta' Settembru, 2012, il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellata għat-tpaċija tal-prezz minħabba l-kreditu li għandha kontra l-appellanti[3];

[3] Fol. 30.

15.8. L-appellata naqqset is-somma ta' €207,000 mill-bilanċ dovut lilha u kkalkulat li l-appellanti fadlilha tħallas is-somma ta' €165,315.52. Għalhekk, fit-22 ta' Marzu, 2013, ippreżentat mandat ta' sekwestru ieħor għal dak l-ammont (mandat ta' sekwestru nru 446/2013). Fis-26 ta' Marzu, 2013, inħareġ il-mandat, iżda fid-29 ta' April, 2013, l-appellanti talbet il-ħruġ ta' kontro-mandat peress li qalet illi l-ammont pretiż jinsab depożitat permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 388/2013 (kontromandat 633/2013).[4] Il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellanti u nħareġ il-kontro-mandat.

15.9. Iċ-ċedola 388/2013 tal-15 ta' Marzu, 2013, fis-somma ta' €219,604.06 kienet ġiet ippreżentata wara s-subbasta 2/2011 skont l-Artikolu 355 tal-Kap.12 għall-irkupru tal-proprjeta` immobbli tal-Marsa[5] u mhux għall-bilanċ mertu tal-mandat 466/2013. Fit-2 ta' Mejju, 2013, l-appellata ppreżentat mandat ta' sekwestru eżekuttiv ieħor bin-numru 658/2013 għall-bilanċ ta' €165,315.52.[6] Ippreżentat ukoll rikors fl-atti taċ-ċedola 388/2013 fejn talbet l-iżbank tas-somma depożitata mill-appellanti għall-irkupru tal-proprjeta` tal-Marsa;

15.10. Imbagħad fl-14 ta' Mejju, 2013, l-appellanti biegħet il-proprjeta` tal-Marsa lil Deljay Holdings Ltd għall-prezz ta' €425,000;[7]

---

[4] Fol. 31 u 4.
[5] Fol. 60.
[6] Fol. 4 *et seq.*
[7] Ara l-kawżi 629/2012 SM, 1217/13 SM u 1066/15 LM.

15.11. Fl-20 ta’ Ġunju, 2013, il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellata għall-iżbank tas-somma depożitata mill-appellanti permezz taċ-ċedola ta’ depożitu numru 388/2013[8]. Madankollu l-appellata ma setgħetx tieħu dawk il-flus għaliex l-appellanti ppreżentat mandat ta’ sekwestru ieħor (numru 917/2013), akkordat fl-24 ta’ Ġunju, 2013. Eventwalment il-mandat ġie revokat permezz ta’ deċiżjoni tat-12 ta’ Diċembru, 2013, (rikors 644/2013 fl-ismijiet inversi)[9] iżda l-iżbank baqa’ ma sarx għaliex permezz ta’ rikors ieħor datat 24 ta’ Diċembru, 2013, l-appellanti talbet lill-Qorti tiddikjara n-nullita` tal-mandat 658/2013 billi skontha l-ammont dikjarat ma kienx ikkalkulat sew (Rik. Nru. 1218/2013);[10]

15.12. Sa frattant, fit-8 ta’ Novembru, 2013, l-appellata ppreżentat il-kawża tallum għax-xoljiment tal-kumpanija appellanti;

15.13. Fis-27 ta' Novembru, 2013, il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża kostituzzjonali numru 18/2010, **Valletta Freight Services Limited v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et** billi ddikjarat li kien hemm rimedji ordinarji li l-appellanti kienet għadha ma rrikorietx għalihom;

[8] Fol. 62.
[9] Fol. 63.
[10] Fol. 70.

15.14. Fl-24 ta' Diċembru, 2013, l-appellanti ppreżentat kawża oħra (rikors numru 1217/2013 SM) fejn reġgħet talbet dikjarazzjoni li l-atti kollha tas-subbasta 2/2011 huma nulli, tawtorizzaha tiżbanka s-somma ta' €219,604.06 li hija stess iddepożitat permezz ta' ċedola għall-fini ta' rkupru;

15.15. Ir-rikors numru 1218/2013 LSO ġie deċiż fis-6 ta' Frar, 2014[11] fejn il-Qorti kkonkludiet illi, '*kuntrarjament għat-teżi tar-rikorrenti, l-Mandat odjern inħareġ għal somma ferm inferjuri għall-ammont realment dovut u b'hekk ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova l-każ tiegħu.'* Għalhekk, it-talba tal-appellanti għar-revoka tal-mandat 658/2013 ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontriha. L-appellanti appellat minn dik id-deċiżjoni;

15.16. Dak iż-żmien l-appellata kkalkulat li sal-aħħar tas-sena 2013 l-appellanti kien għad fadlilha tħallasha s-somma ta' <u>€399,537.08</u>.[12] Dan billi mill-konteġġi preċedenti: (i) naqqset is-somma ta' €207,000 li kienet ġiet *offerta animo compensandi* fuq is-subbasta tal-fond ġewwa l-Marsa, liema proprjeta` nfdiet lura mill-appellanti li ddepożitat €219,604.06 li baqgħet ma ġietx żbankata minħabba l-proċeduri li

[11] Fol. 70.
[12] Fol. 69.

għamlet l-appellanti ; u (ii) żiedet l-imgħaxijiet fuq is-sorte u l-ispejjeż tas-subbasta[13];

15.17. Fit-13 ta' Mejju, 2014, l-appellata żbankat is-somma ta' €219,604.06 li kienet depożitata permezz taċ-ċedola ta' rkupru surriferita bin-numru 388/2013[14] u konsegwentement ippreżentat prospett aġġornat tal-kreditu pretiż minnha sal-aħħar ta' Mejju 2014 fis-somma ta' €185,144.02;[15]

15.18. Permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2014 (rikors numru 1218/2013 LSO), ġiet ikkonfermata is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza tas-6 ta' Frar, 2014, u li biha din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti sabiex jitħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 658/2013[16];

15.19. Fit-3 ta' Novembru, 2015, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell tal-appellanti mis-sentenza tal-ewwel Qorti, **Valletta Freight Services Limited v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et** (Rik. Nru. 18/2010);

[13] Fol. 6 u 36.
[14] Fol. 93.
[15] Fol. 89 (fil-prospett ġie żbaljatament indikat bħala €219,640.06 b' dan illi tnaqqsu €36 aktar).
[16] Fol. 79

15.20. Fil-11 ta' Novembru, 2015, l-appellata ppreżentat kawża oħra kontra l-appellata (Rikors Maħluf Numru 1066/15LM) li biha talbet il-bejgħ ġudizzjarju tal-fond fil-Marsa li l-appellanti ttrasferiet lil Deljay Holdings Limited fl-14 ta' Mejju, 2013. Kumpanija li hi wkoll konvenuta bħala l-akkwirenti tal-fond.

15.21. Fit-18 ta' Novembru, 2015, ġew deċiżi mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili l-kawżi 629/2012/SM u 1217/2013/SM. It-talbiet tal-appellanti ntlaqgħu u l-appellata appellat;

15.22. B'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2016, ġiet miċħuda t-talba tal-appellanti għar-ritrattazzjoni tal-appell fil-kawża kostituzzjonali 18/2010;

15.23. Fis-16 ta' Novembru, 2017, l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-appellata fil-kawża 1066/15/LM u b'hekk ordnat il-bejgħ ġudizzjarju tal-fond fil-Marsa; u

15.24. Fil-25 ta' Frar, 2021, pemezz ta' żewġ sentenzi rispettivi mogħtija minn din il-Qorti fil-kawżi 629/2012/SM u 1217/2013/SM, is-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-istess kawżi ġew imħassra b' dan illi: (i) it-talba tal-appellanti biex jiġu annullati l-atti kollha tas-

subbasta 2/2011 ġiet miċħuda; u (ii) b' hekk ġiet ukoll miċħuda t-talba tal-appellanti għall-iżbank tas-somma ta' €219,604.06.

16. Skont prospett li ppreżentat l-appellata, sal-aħħar tas-sena 2013 il-kreditu kien €399,537.[17] Ovvjament dan seħħ minħabba l-imgħaxijiet li bdew mid-29 ta' Jannar, 1996, u baqgħu jakkumulaw matul is-snin. Għal dawk li huma ħlasijiet, sallum tħallset €65,595 (Frar 2011 u liema ħlas ġie inkluż fl-imsemmi prospett), u fit-13 ta' Mejju, 2014, żbankat is-somma ta' €219,604 li l-appellanti ddepożitat meta eżerċitat il-jedd ta' fidwa skont l-Art. 355 tal-Kap.12 wara l-bejgħ bl-irkant tal-fond fil-Marsa. Ħlas mhux inkluż fl-imsemmi prospett peress li jasal sal-aħħar tas-sena 2013 u l-iżbank sar fit-13 ta' Mejju, 2014. Meta dik is-somma ġiet żbankata, sar it-tnaqqis rispettiv fil-konteġġi tal-appellata u l-bilanċ dovut lilha kien <u>€185,144.</u> Il-provi juru li sallum l-appellata rċeviet total ta' <u>€285,199</u>.

17. M'hemmx dubju li bil-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru 658/2013 fit-3 ta' Mejju, 2013, għas-somma ta' €165,315 u t-trapass ta' erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' dak l-att eżekuttiv u l-fatt li sallum għad hemm bilanċ dovut, skont il-liġi l-appellanti titqies li ma tistax tħallas id-dejn (Art. 214(5) tal-Kap. 386). Għalhekk qalet sew l-ewwel Qorti li:

> *"Tenut kont tad-data tal-eżekuzzjoni tal-Mandat u d-data tal-preżentata tar-rikors tal-lum, din il-Qorti tgħid illi l-vot tal-Art 214(5)(a) tal-Kap. 386 huwa sodisfatt".*

[17] Fol. 69.

18. M'hemmx provi li jikkonvinċu lill-Qorti li l-appellanti qiegħda f'qagħda finanzjarja li tista' tħallas il-bilanċ li fadal mid-dejn. Mhuwiex magħruf x'ġid għandha l-appellanti, jekk għandha. Għalkemm fl-*accounts* tas-sena 2012 tissemma somma ta' €1,211,321 bħala *'Property, plant and equipment'*, mhux magħruf f'hiex suppost tikkonsisti. L-appellanti ma tat l-ebda ħjiel u lanqas ma spjegat dak dikjarat fl-*abridged accounts* tas-sena 2012. Ma tressqitx prova li llum l-appellanti għandha likwidita` li tippermetti li mingħajr iktar dewmien jitħallas il-bilanċ tal-kreditu li għadu ma tħallasx. Filwaqt li l-appellanti għandha dritt tiddefendi l-interessi tagħha, daqstant ieħor għandha d-dritt l-appellata li tirkupra dak li hu dovut lilha mingħajr iktar dewmien.

19. Dwar il-fond tal-Marsa trid terġa' ssir proċedura sħiħa għal bejgħ bl-irkant ladarba din il-Qorti f'sentenza li tat illum ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. Dan ifisser iktar inċertezza għall-appellata dwar x'ser ikun il-pass li jmiss li ser tagħmel l-appellanti. Li hu ċert hu li m'hemmx provi sodisfaċenti li l-appellata bħalissa għandha l-mezzi finanzjarji biex tħallas id-dejn li għandha mal-appellanti.

20. L-appellanti tilmenta illi mhuwiex minnu li ma kellhiex suċċess fil-proċeduri li għamlet kontra l-appellata. F'dan il-kuntest għamlet referenza għaż-żewġ sentenzi li tat il-Qorti Ċivili, Prim' Awla fil-kawżi

629/2012/SM u 1217/2013/SM. Pero` f'dawk il-proċeduri l-appellanti kienet qiegħda timpunja l-validita` tal-proċeduri ta' subbasta 2/2011 u mhux l-eżistenza tat-titolu eżekuttiv li jeżisti favur l-appellata jew il-kreditu favur l-appellata. Dan apparti li eventwalment dawk il-kawżi inqatgħtu kontra l-appellanti (sentenzi ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2021).

21. L-appellanti għamlet ukoll referenza għall-proċeduri ta' ritrattazzjoni, iżda ma tatx dettalji dwarhom. Jekk kienet qiegħda tirreferi għat-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża kostituzzjonali numru 18/2010, kif ingħad iktar qabel dik it-talba ġiet miċħuda mill-Qorti Kostituzzjonali (ara sentenza 27 ta' Ottubru, 2016).

22. L-appellanti tilmenta wkoll li kellha kull dritt li tagħmel diversi proċeduri li fihom tikkontesta l-pretensjoni tal-appellanti u b'daqshekk ma jfissirx li m'għandhiex *bona fide*. Tinsisti li għandha jedd fundamentali li tiddefendi l-interessi tagħha. M'hemmx dubju dwar dan. Pero` l-appellanti ilha sa mis-sena 2010 tipprova teżegwixxi t-titolu eżekuttiv bil-ħruġ ta' atti eżekuttivi kontra l-appellanti, li min-naħa tagħha għamlet minn kollox sabiex ma tħallasx. Fl-ewwel lok attakkat il-*lodo arbitrali;* meta rat li mhux ser tirnexxi fetħet kawża kostituzzjonali; fl-istess nifs qalet li ma ħallsitx għaliex kienet qed tistenna risposta mingħand l-appellata dwar l-modalita` tal-ħlas; meta l-appellata għamlet talba għall-bejgħ b'irkanti fetħet żewġ kawżi oħra sabiex timpunja l-proċeduri ta' subbasta; attakkat

atti eżekuttivi oħra għaliex kienet qiegħda ssostni li l-appellata ħadet żbalji fil-konteġġi tal-imgħax; u meta lanqas dak it-tentattiv ma rnexxa f'din il-kawża argumentat li fl-*accounts* tal-appellata tal-2009 saret dikjarazzjoni li l-appellanti ħallsitha s-somma ta' €205,302.49[18].

23. L-appellanti qiegħda tirreferi għal dokument bit-titlu *"Relazione del Revisore al Bilancio Chiuso al 31.12.2009"* dwar il-kumpanija appellata. Fiha jingħad:

> *"Richiami di informativa*
>
> *...*
>
> *Il fondo svalutazione crediti costituito anche mediante accantonamenti volontari è fedelmente rappresentattivo dei rischi gravanti sui crediti commerciali iscritti, grazie anche al risultato positivo della causa per il recupero del credito vs la società Valletta Freight di Malta (credito €205.305,49 che precedentemente si dava per perente per una somma pari a €82.121,00)...."*

24. Dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma tfisser li sal-aħħar tas-sena 2009 l-appellata kienet irċeviet ħlas ta' €205,302 mingħand l-appellanti. Dan kuntrarjament għal dak li qal meta xehed David Jones, direttur tal-appellanti.[19] Fil-prospett li ppreżentat l-appellanti a fol. 142 dik is-somma ġiet inkluża bħala pagament lill-appellata meta m'hemmx prova ta' dak l-allegat ħlas.

---

[18] Fol. 181.
[19] Fol. 119 u 191.

25. L-appellanti argumentat li l-ewwel Qorti applikat ħażin id-diskrezzjoni tagħha għaliex kellha tasal għall-konklużjoni li l-appellata kienet *in mala fede*, mhux hi (aggravju c u paragrafi numri 4 u 5 tar-rikors tal-appell). Wara li din il-Qorti qrat l-atti, ma ssib l-ebda indizju ta' *mala fede* min-naħa tal-appellata, li ilha snin twal tipprova tirkupra l-kreditu li għandha. Ovvjament iktar m'għaddew snin iktar komplew jakkumulaw l-imgħaxijiet, u dan għad-detriment tal-appellanti li baqgħet tagħmel minn kollox sabiex teludi l-kreditu tal-appellanti. Dak li ġara hu frott tal-*modus operandi* tal-appellanti.

26. Il-bejgħ li sar fl-14 ta' Mejju, 2013, lil Deljay Holdings Limited jikkonferma dan.[20] L-appellanti (rappreżentata minn Steven Jones iben David Jones) ittrasferiet il-fond tagħha ġewwa l-Marsa lil Deljay Holdings Limited (rappreżentata minn David Jones) *inter alia* abbażi tal-kundizzjonijiet segwenti:

> *"for the price of four hundred and twenty five thousand euro (€425,000) which price the purchaser hereby offsets in part with the sum owed to it by the Vendor namely the sum of three hundred and thirty thousand euro (€330,000) whch the Vendor had declared and constituted itself certain true and liquid debtor in favour of the purchaser by in my records of the tenth (10th) April of the year two thousand and thirteen (2013) which has been secured in the public Registry by a special hypothec on the immovable transferred by this deed ... The Purchaser undertakes to pay the resulting balance of price namely the sum of ninety five thousand euro (€95,000) to the vendor who accepts within fifty (50) years from today without interests."*

[20] Eżebit mar-rikors promutur tal-kawża 1066/2015LM.

27. B'dan il-mod għalhekk, l-appellanti ttrasferiet l-assi prinċipali tagħha lil kumpanija oħra li fiha David Jones hu direttur u azzjonist, mingħajr ma għaddew flus bejn il-partijiet billi:

(i) parti mill-prezz, fis-somma ta' €330,000, ġie paċut ma' allegat dejn li jingħad li Deljay kellha; u

(ii) bl-aktar mod sfaċċat ġie dikjarat li l-bilanċ rimanenti ta' €95,000 għandu jitħallas fi żmien ħamsin (50) sena mingħajr interessi.

28. Hu ferm suspettuż kif Deljay aċċettat li ssir tpaċija, jekk verament kienet kreditriċi tal-appellanti, meta hemm garanziji iskritti fuq l-istess proprjeta` u l-appellata għadha kreditriċi tal-appellanti. Dan apparti li jsir ħlas ta' €95,000 fuq perjodu ta' ħamsin sena u mingħajr imgħax, ma jagħmel ebda sens għall-kumpanija appellanti li għad għandha dak id-dejn kollu xi tħallas lill-appellata. Dan iktar u iktar meta jidher li l-fond tal-Marsa kien l-uniku proprjeta` tal-appellanti.

29. L-appellanti tilmenta li l-appellata kienet *in mala fede* għaliex:

(i) meta ppreżentat l-*accounts* tagħha għas-sena 2009, il-kawżi għall-eżekuzzjoni tal-*lodo* kienu għadhom ma ġewx deċiżi u għalhekk ma kellha ebda garanzija ta' eżitu favorevoli; u

(ii) għaliex minkejja li hija għamlet depożitu ta' €219,604.06 fl-atti tas-subbasta, l-appellata kompliet b'dawn il-proċeduri ta' stralċ.

30. Verament li meta saru dawk l-*accounts* il-kawża f'Malta għall-eżekuzzjoni tal-*lodo arbitrali* kienet għadha mhux deċiża. Madankollu l-kreditu favur l-appellata ġie rikonoxxut bis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-4 ta' Ġunju, 2010. L-appellata għadha kreditriċi tal-appellanti. Inoltre fir-rigward tas-somma ta' €219,604 li f'Mejju 2014 ġiet żbankata mill-appellata, xorta baqa' bilanċ ta' eluf ta' ewro x'jitħallas lill-appellata peress li l-appellanti baqgħet tikkumbatti sal-aħħar nifs u bl-imgħaxijiet komplew jakkumulaw.

31. Stabbilit dan kollu, l-aggravji tal-appellanti dwar id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti jirriżultaw għalhekk infondati.

32. Għal dik li hija l-ordni konsegwenzjali għax-xoljiment u l-stralċ, l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin:

32.1. Kemm in materja ta' ħatra ta' stralċarju bil-poteri ta' amministratur proviżorju. Dan inkwantu ssostni li skont il-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta hija għandha tiġi ġestita mid-diretturi tagħha, kif ukoll fil-kuntest tal-fatt li: (i) l-istralċarju maħtur mill-Qorti mhuwiex

kompetenti li jiġġestixxi soċjeta` speċjalizżżata fil-qasam marittimu; u (ii) is-sentenza appellata mkien ma tgħid li l-appellanti għandha tieqaf topera (paragrafu 6 tar-rikors tal-appell);

32.2. Kif ukoll meta ordnat li l-istralċarju / amministratur proviżorju *'jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċediment legali ieħor fl-isem u fl-interess tal-intimata'.* Tgħid li hija m'hijiex parti fl-ebda proċeduri oħra pendenti ħlief dawk odjerni, b'dan illi tali ordni għandha tiġi meqjusa kontradittorja '*stante li l-istralċarju / amministratur provviżorju ma jistax isegwi l-proċeduri legali u ġudizzjarji oħra kontra jew mis-soċjetà; appellanti konnessi mas-soċjetà estera Tarros S.p.A'.* Tgħid li f'kull każ, hija għandha d-dritt tagħżel l-avukati tal-fiduċja tagħha sabiex jirrappreżentaw l-interessi tagħha kontra l-appellata fil-kuntest tal-fatt li l-appellanti ma tridx, mhux ma tistax, tħallas dak pretiż minnha mill-appellata. (paragrafi 7 u 8 tar-rikors tal-appell)

33. Bħala fatt jirriżulta li wara li l-ewwel Qorti tat is-sentenza fid-29 ta' Settembru, 2016, l-avukat li nħatar bħala stralċarju ppreżenta rikors li bih talab li jinħatar ħaddieħor minfloku peress li kien għamel żmien jassisti lill-appellanti.[21] Fis-17 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti laqgħet it-talba u ħatret minfloku lir-<u>Riċevitur Uffiċjali</u>.[22]

[21] Fol. 318
[22] Fol. 320

34. Il-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia* jipprovdi illi:

*Artikolu 229(1)*

*"Ir-riċevitur uffiċjali, bis-saħħa tal-kariga tiegħu u wara li jiġi notifikat mill-Qorti, isir l-istralċjarju tal-kumpanija u jkompli fil-kariga sakemm persuna oħra ssir stralċjarju taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu, u għandha tkun, wara li tiġi notifikata mill-Qorti, l-istralċjarju matul kull vakanza."*

*Artikolu 226(1)*

*"Meta l-qorti tkun għamlet ordni għal stralċ jew ħatret amministratur provviżorju, għandha ssir u tingħata lill-uffiċjal riċevitur dikjarazzjoni fuq il-qagħda tal-kumpanija fil-forma preskritta, jew f'dik il-forma l-oħra li tkun aċċettata mir-riċevitur uffiċjali, verifikata bil-ġurament, u li turi l-partikolaritajiet tal-kumpanija dwar l-attiv, id-dejn u l-passiv tagħha, l-ismijiet, ir-residenza u l-okkupazzjonijiet tal-kredituri tagħha, is-sigurtajiet miżmuma minnhom rispettivament, id-dati meta s-sigurtajiet kienu rispettivament mogħtija, u dak it-tagħrif l-ieħor li jista' jkun preskritt jew meħtieġ mir-riċevitur uffiċjali ..."*

*Artikolu 237*

*"Meta kumpanija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, l-istralċjarju jew l-amministratur provviżorju, skont il-każ, għandu jieħu taħt il-kustodja jew il-kontroll tiegħu l-proprjetà kollha u l-jeddijiet kollha li hu jkollu raġuni xierqa jaħseb li l-kumpanija jkollha jedd għalihom."*

*Artikolu 266(2)*

*"Ir-riċevitur uffiċjali u kull persuna maħtura bħala stralċjarju mill-Qorti għandhom jitħallsu mill-attiv tal-kumpanija jew xort' oħra,u fuq dik il-bażi li l-Qorti tista' tordna."*

35. Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hi konformi ma' dawn id-dispożiżżjonijiet tal-liġi u ma tirriżulta l-ebda applikazzjoni ħażina tal-istess.

36. F'kull każ, l-istralċ se jkompli quddiem u taħt l-awtorita' tal-ewwel Qorti li xorta ser jibqa' jkollha l-awtorita` li tagħti dawk il-provvedimenti li jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien waqt li jkun qiegħed isir il-proċess ta' stralċ tal-kumpanija appellanti.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

Ir-Reġistratur għandu jinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lill-uffiċjal riċevitur Dr Kevan Azzopardi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da